MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 846/2003

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Micallef u l-istess Joseph Micallef**

**vs**

**Montaldo Insurance Agency Ltd ghal American Home Assurance Company**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-25 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm486.95) rapprezentanti danni rizultanti minn incident stradali li gara fiz-Zejtun fit-23 ta' Ottubru, 2001 bejn karozza numru KAB 887 u karozza numru FAB 364 liema danni jikkonsistu fi hsara fil-propjeta' ta' l-attur – danni sopportati in kwantu ghal Lm436.95 mill-Middle Sea Insurance plc noe u in kwantu ghal**

**Lm50 minn Joseph Micallef proprio u ghal liema danni assumiet responsabbilta’ s-socjeta’ konvenuta. Ghalhekk, prevja occorrendo dikjarazzjoni li s-socjeta’ konvenuta assumiet tali responsabbilta’ qed issir talba biex is-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas lill-atturi danni fl-ammonti ndikati;**

**Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta’ ittra u konsult u bl-imghax minn notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta’ konvenuta fil-15 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal illi l-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhuwiex dovut, u dana kif ser jirrizulta fis-smiegh tal-kawza.**

**Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Illi fis-seduta ta’ l-24 ta’ Ottubru, 2003 giet eccepit ulterjorment illi s-socjeta’ konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur stante illi m’hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u l-kawza kollha tigi ntavolata se mai kontra s-sewwieq tal-vettura li dahlet fil-vettura ta’ l-attur Joseph Micallef.**

**Semgha x-xhieda ta’ Joseph Micallef, Anthony Abela, Daniel Wright. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u ra n-noti ta’ osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta’ attrici flimkien ma’ l-assikurat Joseph Micallef qed ifittxu lis-socjeta’ konvenuta ghad-danni li graw fil-propjeta’ ta’ l-istess attur b’rizultat ta’ ncident stradali li sehh fiz-Zejtun fit-23 ta’**

**Ottubru, 2001 bejn il-vettura KAB 887 u l-vettura FAB 364.**

**2. Jibda biex jinghad illi s-socjeta' konvenuta qed tghid illi ma hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza peress illi m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi.**

**3. It-Tribunal jaghmel referenza ghal Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u ghas-sentenza fl-ismijiet *<u>Joseph Mallia vs Joseph Falzon et</u>* <u>noe</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-31 ta' Lulju, 1996 fejn intqal hekk: «Il-Qorti ta' l-Appell cahdet it-talba attrici fis-sens illi l-fatt illi saret *claim* ma' l-assikurazzjoni u anke survey preventiv b'ebda mod ma kien jimporta assunzjoni ta' responsabbilita' ta' danni ».**

**4. Qed issir referenza ukoll ghal dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet *Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Robert Azzopardi* (per Onor Imhallef Philip Sciberras, dec. 23.01.2004, App.Inf) fejn inghad fost ohrajn:**

**« Biex tinholoq relazzjoni kontrattwali jehtieg jew li jkun hemm rikonoxximent ta' responsabbilita` ghall-akkadut da parti ta' min kkaguna d-danni jew li jkun hemm assunzjoni tar-responsabilita` ghar-rizarciment ta' dawk id-danni minn terza persuna in forza ta' xi kuntratt anke antecedenti ghall-akkadut bhal ma hu kuntratt ta' assigurazzjoni. Hekk irragunat il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet « Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe. ». »**

**5. Bhala fatti mill-provi mismugha jirrizulta mid-Dok.XYZ datat 12 ta' April, 2002, li s-socjeta` konvenuta kienet f'kuntatt mas-socjeta` Untours Insurance li maghha kellu d-dar assikurata l-attur Joseph Micallef. Jidher li l-problema f'dan il-kaz kienet biss tirrigwarda l-kwantum, izda mhux il-fatt li l-assikurazzjoni ma kienetx qed taccetta li ghandha taghmel xi forma ta' hlas.**

**6. Ghalhekk ma jistghax jinghad li ma kien hemm relazzjoni guridika mas-socjeta` konvenuta kif eccepit.**

**It-Tribunal ghaldaqstant qed jirrespingi din l-eccezzjoni preliminari sollevata, u jordna l-prosegwiment fil-meritu. Spejjez ta' dan id-digriet riservati ghall-gudizzju finali.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------